

Brussell, 2 ta' Mejju 2019
(OR. en)

7917/19

INF 76
API 32

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurmazzjoni
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	7916/19
Suġġett:	Is-sbatax-il rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

1. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti jistabbilixxi li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.
2. L-abbozz ta' rapport annwali għas-sena 2018 jidentifika t-tendenzi u l-karatteristiċi ewlenin ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti tal-Kunsill u jirrevedi l-menti lill-Ombudsman kif ukoll sentenzi mogħtija mill-Qrati Ewropej fil-każijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-regolament min-naħa tal-istituzzjonijiet. Ir-rapport għall-2018 isegwi l-format il-ġdid imqassar tal-aħħar snin, billi d-data statistika li ttiprovdi l-bażi għar-rapport issa hija disponibbli bħala data miftuħa fuq is-sit web tal-Kunsill.
3. L-infurmazzjoni statistika dwar talbiet għal aċċess għal dokumenti indirizzati lill-Kunsill fl-2018 ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurmazzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' April 2019 u l-Grupp ta' Ħidma qabel mal-abbozz ta' Rapport Annwali kif jidher fl-Anness ta' din in-nota.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova, bħala punt "A" tal-aġenda tiegħu, l-abbozz ta' Rapport Annwali.
-

**RAPPORT ANNWALI TAL-KUNSILL
DWAR L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI - 2018¹**

I. TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI FL-2018

1. Ir-reġistru pubbliku

Fl-2018, ir-reġistru attira madwar 6% tat-traffiku fis-sit web tal-Kunsill. Dan ġie kkonsultat madwar 477 500 darba. Minn fost aktar minn 301 000 viżitatur tiegħu, 45 % waslu fir-reġistru permezz ta' magni tat-tiftix tal-web, 36 % permezz ta' link diretta u 13 % ġew ridiretti minn sit web ieħor. Madwar kwart tal-viżitaturi kienu bbażati fil-Belġju, 10 % fil-Ġermanja, 10 % fir-Renju Unit u 5 % fi Franza u l-Italja.

Fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-reġistru pubbliku elenka 399 949 dokument bil-lingwa oriġinali (2 942 631 dokument jekk ikunu inklużi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha). Min-numru totali ta' dokumenti bil-lingwa oriġinali elenkati fir-reġistru, 70.4 % (281 412 dokument) huma pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu.

Matul l-2018, ġew miżjuda 25 349 dokument bil-lingwa oriġinali fir-reġistru, li 71% minnhom, jew 18 053 dokument, issa huma pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu. Fl-2018, il-Kunsill ħareġ 15 315 dokument li kienu disponibbli għall-pubbliku maċ-ċirkolazzjoni u 9 129 dokument LIMITE u żied fir-reġistru 454 dokument parzjalment disponibbli għall-pubbliku. Il-Kunsill ħareġ ukoll 978 dokument klassifikat², li 905 minnhom huma elenkati fir-reġistru u 73 mhumiex.

¹ Dan ir-rapport tfassal skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43), li jipprevedi li '*Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru*'.

² Kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

2. Talbiet għal aċċess għal dokumenti

Fl-2018, il-Kunsill irċieva 2 474 talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u 29 applikazzjoni konfermatorja, li kienu jeħtieġu l-analiżi ta' 7 930 dokument. Fl-istadju inizjali, inqas aċċess sħiħ għal 5 728 dokument (72,2%) u aċċess parzjali għal 413 dokument (5,2%). L-aċċess ġie miċħud għal 1 789 dokument (22,5%). Fir-rigward ta' applikazzjonijiet konfermatorji, inqas aċċess sħiħ għal 41 dokument u aċċess parzjali għal 9 dokumenti. Il-Kunsill ikkonferma li l-aċċess għandu jiġi miċħud għal 14-il dokument.

Matul il-perijodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kunsill ħareġ 5 097 dokument legiſlattiv³, li 2 765 minnhom inħarġu bħala "pubbliċi" maċ-ċirkolazzjoni. Mill-2 332 dokument legiſlattiv li jifdal maħruġa bħala LIMITE (b'referenza fir-reġistru iżda mhux aċċessibbli b'mod dirett), 1 178 dokument saru publiċi fuq talba. Għaldaqstant 77.3 % tad-dokumenti legiſlattivi maħruġa fl-2018 huma kompletament disponibbli għall-pubbliku.

Fl-istadju inizjali, id-dokumenti ġew miċħuda l-aktar sabiex jitħares il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill (489 darba, jew 32%), jitħares l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (467 darba, jew 30.6%) jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika (69 darba, jew 4.5%). Fi kważi 30 % tal-każijiet (436 darba), id-dokumenti ġew miċħuda abbażi ta' kombinazzjoni ta' għadd ta' eċċezzjonijiet. Il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-protezzjoni tal-interess pubbliku b'rabta mar-relazzjonijiet internazzjonali kienu l-eċċezzjonijiet l-aktar użati biex jiġġustifikaw l-għoti ta' aċċess parzjali biss (28% u 20 % rispettivament).

Fl-istadju konfermatorju, id-dokumenti ġew miċħuda l-aktar (35.7 %) jew rilaxxati biss parzjalment (66.7 %) minħabba kombinazzjoni ta' eċċezzjonijiet.

Is-SĠK ħa medja ta' 17-il jum ta' xogħol biex jipproċessa talbiet inizjali u 36 jum ta' xogħol biex jipproċessa applikazzjonijiet konfermatorji. L-iskadenza ta' 15-il jum ta' xogħol biex jiġu pproċessati talbiet inizjali ġiet estiża għal 892 talba, jiġifieri, f'36% tal-każijiet. L-iskadenza ġiet estiża għal 26 applikazzjoni konfermatorja.

It-tabelli fl-anness għall-anness jagħtu aktar dettalji dwar it-talbiet għal aċċess għad-dokumenti.

³ Kif definit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, dokumenti legiſlattivi huma dokumenti mfaſsla u/jew riċevuti matul proċedura legiſlattiva.

II. ILMENTI PPREŻENTATI QUDDIEM L-OMBUDSMAN EWROPEW, INKJESTI FUQ INIZJATTIVA PROPRJA, INIZJATTIVI STRATEĠIĊI MILL-OMBUDSMAN EWROPEW U AZZJONI LEGALI

1. Ilmenti li tressqu quddiem l-Ombudsman Ewropew

Fl-2018, il-Kunsill irċieva lment wieħed li jikkonċerna informazzjoni dwar laqgħat bejn rappreżentanti ta' interessi u l-President tal-Kunsill Ewropew Tusk u/jew il-Kabinett tiegħu.

L-ilmenti li l-Kunsill irċieva fl-2017 u lment wieħed riċevut fl-2016 għadhom inklużi peress li kien hemm xi żviluppi f'dawn il-każijiet fl-2018.

Ilment 1946/2018/KR

Dan l-ilment, riċevut fid-19 ta' Diċembru 2018, jikkonċerna informazzjoni pubblika dwar laqgħat bejn il-President Tusk u/jew il-Kabinett tiegħu u rappreżentanti ta' interessi.

Saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Ombudsman fil-25 ta' Frar 2019. Intbagħat rapport ta' dik il-laqgħa mis-servizzi tal-Ombudsman lis-SĠK fit-28 ta' Marzu 2019 u sussegwentement lill-ilmentatur.

Ilment 21/2016/JAP

Dan l-ilment, li ġie riċevut fl-10 ta' Frar 2016, jikkonċerna r-rifjut min-naħa tal-Kunsill li jagħti aċċess sħiħ għal kontribut u tliet opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill rigward il-proposti għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST), (6267/14, 13302/1/14 REV 1, 16983/14 u 8904/15, rispettivament).

L-ilmentatur allega li l-Kunsill kien applika b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u kien invoka argumenti mhux konvinċenti biex jirrifjuta l-aċċess. Wara l-ispezzjoni tad-dokumenti rilevanti, l-Ombudsman iddeċidiet li titlob opinjoni lill-Kunsill dwar l-allegazzjonijiet u t-talba tal-applikant.

Fit-tweġiba tiegħu lill-Ombudsman, il-Kunsill, wara li vvaluta mill-ġdid id-dokumenti mitluba, iddeċieda li jirrilaxxa kompletament tnejn mid-dokumenti (6267/14 u 8904/15). Fir-rigward taż-żewġ dokumenti l-oħra (13302/1/14 REV 1 u 16983/14), li kienu diġà ġew parzjalment żvelati, il-Kunsill ikkonkluda li ma kienx possibbli aċċess ulterjuri u li kellu jżomm ir-rifjut ta' aċċess pubbliku skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) (protezzjoni tal-parir legali) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) (protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fis-7 ta' Marzu 2019, l-Ombudsman iddeċidiet li tagħlaq l-inkjesta bil-konklużjoni li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kunsill. Barra minn hekk, l-Ombudsman stiednet lill-Kunsill jagħti aċċess pubbliku għall-partijiet tad-dokument 16983/14 li ma sarux pubbliċi, fid-dawl ta' ċirkostanzi li nbidlu.

Ilment 1272/2017/ANA

Dan l-ilment, li ġie riċevut fl-4 ta' Awwissu 2017, jirrigwarda r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għal kontribut mis-Servizz Legali rigward il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru tat-trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE (14704/14).

L-ilmentatur allega li l-Kunsill żbalja meta rrifjuta li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokument ikkonċernat. Fl-opinjoni tal-ilmentatur, ir-rifjut ma kienx ġustifikat jew argumentat tajjeb, minkejja li kien hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar.

Saret spezzjoni fis-6 ta' Ottubru 2017 u r-rapport wasal fis-7 ta' Novembru 2017.

Fit-23 ta' Mejju 2018, l-Ombudsman baġtet ittra li tissuġġerixxi li l-Kunsill jagħti aċċess sħiħ għad-dokument mitlub.

Fis-27 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill iddeċieda li jippubblika d-dokument ikkonċernat u għarraf lill-Ombudsman kif meħtieġ.

Fil-31 ta' Awwissu 2018, l-Ombudsman avżat lill-Kunsill b'deċiżjoni li tagħlaq l-inkjesta.

Ilment 1955/2017/THH

Dan l-ilment, li wasal fit-13 ta' Novembru 2017, jirrigwarda r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aktar minn aċċess parzjali limitat ħafna għal għadd ta' opinjonijiet mill-Bord dwar il-Fatriet Ġudizzjarji fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-Qorti Ġenerali tal-UE skont l-Artikolu 255.

Fil-11 ta' Diċembru 2017, is-servizzi tal-Ombudsman għamlu spezzjoni, li kienet limitata għal opinjonijiet favorevoli maħruġa mill-Bord.

Intbagħat rapport ta' din l-ispezzjoni mis-servizzi tal-Ombudsman lill-Kunsill.

Fil-11 ta' Ġunju 2018 saret laqgħa oħra mas-servizzi tal-Ombudsman u fil-21 ta' Ġunju 2018 intbagħat rapport tal-laqgħa mis-servizzi tal-Ombudsman lill-Kunsill.

Fil-ħin tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda informazzjoni oħra dwar din il-kwistjoni mingħand l-Ombudsman.

Ilment 2110/2017/THH

Dan l-ilment, li wasal fl-14 ta' Diċembru 2017, jirrigwarda r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għal opinjoni tas-Servizz Legali dwar emendi għal-leġislazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus (15655/16).

L-ilmentatur allega li l-Kunsill kien żbaljat meta rrifjuta li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokument ikkonċernat, kien żbaljat meta invoka żewġ eċċezzjonijiet u, barra minn hekk, kien naqas milli jagħti konsiderazzjoni adatta tat-test tal-interess pubbliku.

Saret spezzjoni fil-5 ta' Frar 2018. Fit-22 ta' Mejju 2018 intbagħat rapport ta' din l-ispezzjoni mis-servizzi tal-Ombudsman lis-SĠK.

L-Ombudsman bagħtet id-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill fit-22 ta' Awwissu 2018 fejn qalet li billi ħareġ l-opinjoni legali, il-Kunsill kien solva l-ilment.

2. Inkjesti fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman Ewropew

L-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman mill-2017 dwar aċċess għal dokumenti relatati ma' korpi preparatorji tal-Kunsill meta jkun qed jiddiskuti abbozzi ta' atti leġislattivi tal-UE tissemma f'dan ir-rapport għax sar xi segwitu fl-2018.

Inkjesti fuq inizjattiva proprja OI/2/2017/AB dwar l-aċċess għal dokumenti relatati ma' korpi preparatorji tal-Kunsill meta jkun qed jiddiskuti abbozzi ta' atti leġislattivi tal-UE

Fl-10 ta' Marzu 2017, l-Ombudsman baġtet ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-UE li tiftaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-aċċess għad-dokumenti relatati mad-diskussjoni ta' atti leġislattivi tal-UE mill-korpi preparatorji tal-Kunsill.

Fl-ittra tagħha, l-Ombudsman irrikonoxxiet li l-Kunsill kien diġà impenjat lejn il-prinċipju tat-trasparenza u l-iffaċilitar tal-għarfien taċ-ċittadini, u l-kapaċità li jiġu involuti, fil-proċess leġislattiv tal-UE. Hi indikat li l-inkjesta tagħha kienet maħsuba biex tkun ta' għajjnuna lill-Kunsill f'dan ir-rigward.

L-istħarriġ jiffoka fuq erba' oqsma: (i) il-konsistenza ta' Prattiki bejn gruppi ta' ħidma; (ii) ir-reġistrazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri individwali; (iii) il-kompletezza tar-reġistru tad-dokumenti tal-Kunsill; u (iv) l-aċċessibbiltà ta' dokumenti fir-reġistru tad-dokumenti tal-Kunsill.

L-Ombudsman talbet lill-Kunsill sabiex iwieġeb għal għadd ta' mistoqsijiet li kienu jaqgħu taħt l-erba' oqsma identifikati hawn fuq. Il-Kunsill ta l-opinjoni tiegħu dwar din il-kwistjoni permezz ta' ittra fis-26 ta' Lulju 2017⁴.

F'ittra tal-4 ta' Ottubru 2017, l-Ombudsman talbet lill-Kunsill biex jagħtiha permess tispezzjona, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tal-Istatut tal-Ombudsman, tliet fajls relatati ma' atti leġislattivi adottati fl-2016, li jintgħażlu mis-SĠK sabiex juru d-diversi Prattiki fid-dipartimenti tiegħu.

L-Ombudsman wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika billi staqsiet lill-membri tal-pubbliku u s-soċjetà ċivili biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar is-suġġett tal-inkjesta.

⁴ 8808/1/17 REV 1.

Din l-ispezzjoni saret fit-23 ta' Jannar 2018. Fid-9 ta' Frar 2018, l-Ombudsman bagħtet ittra ta' segwitu lill-Kunsill li fiha tliet rakkomandazzjonijiet dwar it-trasparenza tal-proċess leġislattiv tal-Kunsill⁵ u xi suġġerimenti għal titjib. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat opinjoni dettaljata lill-Ombudsman dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet u biex jinfurmaha b'kull azzjoni meħuda rigward is-suġġerimenti tagħha għal titjib qabel id-9 ta' Mejju 2018.

Sabiex ikun jista' jħejji t-tweġiba tiegħu f'konformità mal-proċeduri interni tiegħu, fit-23 ta' April 2018 il-Kunsill talab estensjoni tal-iskadenza tal-Ombudsman. Mingħajr ma stenniet it-tweġiba tal-Kunsill għar-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti għal titjib tagħha, l-Ombudsman bagħtet ittra⁶ lill-Kunsill fil-15 ta' Mejju 2018 li għalqet l-inkjesta u kkonfermat is-sejbiet tagħha ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ressqet ukoll rapport speċjali⁷ quddiem il-Parlament Ewropew fis-16 ta' Mejju 2018.

Fis-17 ta' Jannar 2019, il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni⁸ dwar din l-inkjesta fuq inizjattiva proprja fejn għamel xi rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

3. Proċedura Rapida

Fl-24 ta' Jannar 2018, is-Segretarju Ġenerali tal-Ombudsman bagħtet ittra lis-Segretarji Ġenerali tal-istituzzjonijiet differenti biex tgħarrafhom bi proċedura rapida ġdida biex jiġu ttrattati lmenti dwar aċċess għal dokumenti.

L-ittra indikat li l-Ombudsman normalment ser titlob lill-istituzzjoni kkonċernata tagħtiha aċċess immedjat għad-dokumenti kkonċernati (tipikament fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol). Fil-każ li l-istituzzjoni tkun tixtieq tagħti tagħrif u spjegazzjonijiet lill-Ombudsman biex tissupplimenta l-argumenti ppreżentati minnha fl-applikazzjoni konfermatorja tagħha, ser ikollha l-opportunità li tagħmel dan. Madankollu, il-ħsieb tal-Ombudsman hu li tadotta fehma infurmata dwar l-ilment fi żmien 45 jum ta' xogħol minn meta l-ilment ikun tressaq quddiemha.

⁵ 6495/18

⁶ 9163/18

⁷ 9165/18

⁸ [http://www.europarl.europa.eu/RegData/seance_pleniere/textes_adoptes/provisoire/2019/01-17/0045/P8_TA-PROV\(2019\)0045_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/seance_pleniere/textes_adoptes/provisoire/2019/01-17/0045/P8_TA-PROV(2019)0045_EN.pdf)

Il-Kunsill wieġeb lill-Ombudsman fit-23 ta' Mejju 2018, fejn indika li minkejja li l-għan li jitħaffef it-trattament tal-ilmenti dwar l-aċċess għad-dokumenti kien ta' min ifaħħru, il-ħidma għal dan il-għan ma għandhiex tkun bi ħsara għall-interessi taċ-ċittadini li jirċievu tweġiba meqjusa u possibbilment aktar favorevoli mill-applikazzjoni oriġinali. Il-Kunsill indika li jistenna li l-Ombudsman terġa' tikkunsidra din il-proċedura l-għdida billi tinkludi l-elementi meħtieġa ta' flessibbiltà, filwaqt li spjega li l-proċedura interna għat-tweġiba lill-Ombudsman (eżami mill-korp preparatorju kompetenti tal-Kunsill u l-COREPER, u adozzjoni mill-Kunsill) tiegħu ż-żmien.

Fil-5 ta' Lulju 2018, l-Ombudsman baġtet ittra dwar din il-kwistjoni lill-Kunsill, fejn indikat ix-xewqa tagħha li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' kull istituzzjoni sabiex tinkiseb l-aħjar soluzzjoni għaċ-ċittadini.

4. Kawżi tal-Qorti

F1-2018, ma kien hemm l-ebda azzjoni pendenti dwar l-aċċess għad-dokumenti kontra l-Kunsill quddiem jew deċiżi fil-Qorti Ġenerali jew fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Madankollu, il-Kunsill intervjena (jew talab l-awtorizzazzjoni biex jintervjeni) fil-każijiet li ġejjin:

– T-540/15 *De Capitani vs Il-Parlament*

– T-168/17 *CBA vs Il-Kummissjoni*

Fil-kawża T-540/15 (*Emilio De Capitani vs Il-Parlament Ewropew*), il-Kunsill intervjena b'appoġġa għall-Parlament Ewropew. Is-Sur De Capitani kien ippreżenta rikors quddiem il-Qorti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tirrifjuta l-aċċess sħiħ għal tabelli b'diversi kolonni mħejjija għal laqgħat tat-trilogu, fil-kuntest tan-negozjati dwar il-proposta legiislattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol). Din il-kawża tikkonċerna, b'mod partikolari, iċ-ċaħda tal-aċċess - fuq il-bażi tal-ħarsien tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 - għar-raba' kolonna, fejn jinsab it-test ta' kompromess li qablu dwaru l-istituzzjonijiet.

Fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu 2018, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament ċaħad it-talba għal aċċess għad-dokumenti inkwistjoni. Il-Qorti dehrilha li t-trilogi huma parti mill-proċess legiſlattiv u li t-tabelli ta' erba' kolonni huma dokumenti li jiffurmaw parti minn dak il-proċess. B'konsegwenza ta' dan, il-prinċipju ta' aċċess usa' assoċjat mal-proċeduri legiſlattivi japplika għalihom.

Fil-kawża T-168/17 (*CBA vs Il-Kummissjoni*), l-applikant sostna li l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huma illegali, minħabba li huma f'konflitt ma' liġijiet ta' livell superjuri tad-dritt primarju, b'mod partikolari mal-Artikoli 42 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill intervjena b'appoġġ għall-Kummissjoni Ewropea f'din il-kawża li għadha pendenti.

III. PUBBLIKAZZJONI TA' DOKUMENTI SKONT L-ARTIKOLU 11 (6) TAL-ANNESS II GħAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL

F1-2018, is-SĠK ippubblika 1 028 dokument marbutin ma' 63 att legiſlattiv li ġew adottati matul is-sena.

1. Numru ta' talbiet inizjali skont ir-Regolament Nru 1049/2001

2014		2015		2016		2017		2018	
2 445		2 784		2 342		2 597		2 474	

2. Numru ta' dokumenti rikjesti permezz ta' talbiet inizjali

2014		2015		2016		2017		2018	
10 839		12 102		10 232		8 000		7 930	

3. Dokumenti rilaxxati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fl-istadju inizjali

2014		2015		2016		2017		2018	
8 964		10 371		7 774		6 144		6 141	
parzjali 776	sħiħ 8 188	parzjali 1 094	sħiħ 9 277	parzjali 501	sħiħ 7 273	parzjali 678	sħiħ 5 466	parzjali 413	sħiħ 5 728

4. Numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2014		2015		2016		2017		2018	
40		24		24		31		29	

5. Numru ta' dokumenti kkunsidrati permezz ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2014		2015		2016		2017		2018	
225		127		192		135		64	

6. Dokumenti rilaxxati mill-Kunsill fl-istadju konfermatorju

2014		2015		2016		2017		2018	
159		61		89		51		50	
parzjali 132	sħiħ 27	parzjali 38	sħiħ 23	parzjali 55	sħiħ 34	parzjali 26	sħiħ 25	parzjali 9	sħiħ 41

7. Rata ta' dokumenti rilaxxati matul il-proċedura kollha (rilaxx sħiħ / rilaxx sħiħ + parzjali)

2014		2015		2016		2017		2018	
75,9%	84,2%	77,9%	87,4%	76,5%	82,3%	69,1%	78%	74,3%	79,8%

8. Profil professjonali tal-applikanti (talbiet inizjali)

		2014	2015	2016		2017		2018	
Soċjetà ċivili/ Settur privat	Konsulenti	28,5%	27%	7,7%	24,7 %	8,3%	25,4 %	9,1%	27%
	Gruppi ta' pressjoni ambjentali			0,4%		0,2%		0,1%	
	Gruppi oħra ta' interess			4,1%		4,7%		4,3%	
	Settur Industrijali/Kum merċjali			6,7%		7,8%		7,8%	
	NGOs			5,8%		4,4%		5,7%	
Ġurnalisti		4,5%	4,1%	4,8%		5,7%		6,4%	
Avukati		10,3%	10,3%	7,2%		8,2%		6,9%	
Dinja akkademika		31,7%	37,9%	35,2%		32,9%		28,8%	
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, eċċ.)		3,8%	2,8%	3,4%		4,2%		3,4%	
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti		0,4%	0,9%	1%		0,6%		1,5%	
Oħrajn		6%	10,3%	14,1%		13,5%		13,9%	
Mhux dikjarat		14,8%	6,7%	9,5%		9,5%		12,1%	

9. Profil professjonali tal-applikanti (applikazzjonijiet konfermatorji)

		2014	2015	2016		2017		2018	
Soċjetà ċivili/ Settur privat	Konsulenti	27,7%	16,6%	0%	23,5 %	0%	7,8%	0%	12%
	Gruppi ta' pressjoni ambjentali			5,9%		0%			
	Gruppi oħra ta' interess			5,9%		3,9%		4%	
	Settur Industrijali/ Kummerċjali			11,7 %		0%		4%	
	I-NGOs			0%		3,9%		4%	
Ġurnalisti		3,5%	5,6%	11,8%		3,8%		16%	
Avukati		31%	33,3%	5,9%		19,2%		8%	
Dinja akkademika		24,1%	33,3%	11,8%		26,9%		32%	
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta' pajjiżi terzi, eċċ.)		3,4%	0%	0%		0%		0%	
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti		0%	5,6%	17,6%		0%		4%	
Oħrajn		0%	0%	17,6%		7,7%		4%	
Mhux dikjarat		10,3%	5,6%	11,8%		34,6%		24%	

10. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (talbiet inizjali)

Pajjiż	2014	2015	2016	2017	2018
Belġju	29%	25%	22%	26,2%	28,1%
Bulgarija	0,1%	0,3%	0,3%	0,2%	0,2%
Kroazja	0,1%	0,3%	0%	0,9%	0,3%
Repubblika Ċeka	1,8%	0,5%	0,6%	1%	0,7%
Danimarka	2,3%	3,3%	1,8%	1,3%	1,3%
Ġermanja	13,9%	13%	14,4%	13,1%	13%
Estonja	0,1%	0,2%	0,1%	0,2%	0%
Greċja	0,2%	0,8%	0,7%	0,9%	0,8%
Spanja	3,6%	4,9%	4,7%	4,7%	4,9%
Franza	6%	5,6%	6,5%	7,2%	6,3%
Irlanda	1,4%	1%	0,8%	1%	0,6%
Italja	4%	4,1%	5,3%	5,5%	5%
Ċipru	0,1%	0,2%	0%	0,1%	0%
Latvja	0,1%	0,1%	0%	0,3%	0,1%
Litwanja	0%	0%	0%	0,4%	0,2%
Lussemburgu	1,6%	0,4%	0,9%	1,1%	0,7%
Ungerija	0,3%	0,2%	0,2%	0,6%	0,5%
Malta	0,5%	0,2%	0,2%	0,2%	0%
Netherlands	6,8%	7,3%	6,9%	6,1%	6,6%
Awstrija	1,8%	1,6%	2,9%	1,3%	1,5%
Polonja	1,5%	1,7%	1%	1,2%	1,3%
Portugall	1%	0,5%	0,6%	0,9%	1%
Rumanija	0,4%	0,3%	0,3%	0,2%	0,2%
Slovenja	0,2%	0,2%	0,1%	0%	0,2%
Slovakkja	0,1%	0,3%	0,9%	0,6%	0,3%
Finlandja	1,1%	1,1%	1,2%	0,5%	0,9%
Żvezja	1%	0,8%	2%	1%	1,2%
Renju Unit	9,6%	9,9%	7,7%	7,8%	6,9%
Pajjiżi terzi	4,1%	4%	0,3%	5,3%	5,5%
Mhux dikjarat	7,1%	12,2%	11,8%	10,2%	11,7%

11. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (applikazzjonijiet konfermatorji)

Pajjiż	2014	2015	2016	2017	2018
Belġju	27,6%	38,9%	47%	19,2%	36%
Bulgarija	0%	0%	0%	0%	0%
Kroazja	3,4%	0%	0%	0%	0%
Repubblika Ċeka	0%	0%	0%	0%	0%
Danimarka	3,5%	0%	5,9%	0%	4%
Ġermanja	6,9%	16,7%	0%	15,4%	8%
Estonja	0%	0%	0%	0%	0%
Greċja	0%	5,5%	0%	0%	4%
Spanja	0%	0%	5,9%	0%	8%
Franza	6,9%	5,6%	5,9%	3,9%	4%
Irlanda	3,5%	0%	0%	0%	0%
Italja	3,4%	0%	0%	0%	4%
Ċipru	0%	0%	0%	0%	0%
Latvja	0%	0%	0%	0%	0%
Litwanja	0%	0%	0%	0%	0%
Lussemburgu	0%	0%	0%	0%	0%
Ungerija	0%	0%	0%	0%	4%
Malta	0%	0%	0%	0%	0%
Netherlands	6,9%	11,1%	17,6%	11,5%	0%
Awstrija	6,9%	0%	5,9%	0%	0%
Polonja	0%	0%	0%	0%	0%
Portugall	0%	0%	0%	0%	0%
Rumanija	0%	0%	0%	0%	0%
Slovenja	0%	0%	0%	0%	0%
Slovakkja	0%	0%	0%	0%	0%
Finlandja	6,9%	0%	0%	3,9%	4%
Żvezja	0%	0%	0%	0%	4%
Renju Unit	20,7%	11,1%	0%	15,4%	4%
Pajjiżi terzi	0%	0%	0%	3,8%	0%
Mhux dikjarat	3,4%	11,1%	11,8%	26,9%	16%

12. Qasam ta' politika tad-dokumenti mitluba

Politika	2014	2015	2016	2017	2018
Agricoltura, Sajd	4,9%	3,6%	5,2%	4,9%	6,1%
Suq Intern	6,7%	8,3%	5,3%	6,4%	4,7%
Riċerka	1,1%	0,1%	0,3%	0,2%	1,4%
Kultura	0,4%	0,4%	0,9%	0,9%	0,7%
Edukazzjoni/Żgħażaġħ	0,5%	0,5%	0,5%	0,8%	1,3%
Kompetittività	1,1%	0,4%	0,5%	1,7%	0,9%
Enerġija	1,3%	0,9%	0,7%	3,8%	3,1%
Trasport	3,9%	3,3%	6,5%	4,2%	4,3%
Ambjent	13,1%	8%	11%	13,7%	8,6%
Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumaturi	6,1%	5,2%	4,7%	2,8%	2%
Politika Ekonomika u Monetarja	4%	8,5%	8,3%	9,4%	8,3%
Kwistjonijiet ta' Taxxa – Kwistjonijiet Fiskali	4,2%	4,3%	6,5%	5,7%	6,1%
Relazzjonijiet Esterni – PESK	10,6%	12,7%	10,2%	10,2%	14,1%
Protezzjoni Ċivili	0,6%	0,3%	0,5%	0,5%	0,1%
Tkabbir	0,4%	0,6%	0,7%	0,5%	0,5%
Kwistjonijiet ta' Difiża u Militari	0,8%	1,4%	1%	1,1%	1,4%
Assistenza għall-Iżvilupp	0,1%	0%	0%	0,2%	0%
Politika Reġjonali u Koeżjoni Ekonomika/Soċjali	0,3%	0%	0,1%	0%	0%
Politika Soċjali	5,1%	4,1%	3,5%	4,1%	2,5%
Ġustizzja u Affarijiet Interni	23,4%	27,4%	19,1%	15,9%	20%
Kwistjonijiet legali	3,6%	2,2%	3,5%	3,4%	4,6%
Funzjonament tal-istituzzjonijiet	2,8%	3,3%	6,2%	2,8%	3,6%
Finanzjament tal-Unjoni (Baġit, Statut)	0,2%	0,1%	0,1%	0%	0,2%
Trasparenza	0,5%	0,5%	0,5%	0,7%	0,5%
Kwistjonijiet ta' politika ġenerali	1,8%	1,6%	1,3%	1,2%	1,1%
Mistoqsijiet Parlamentari	0,5%	1,1%	0,9%	0,7%	0,4%
Varji	0,2%	0%	0%	1,77%	1,94%
BREXIT				2,42%	1,56%

13. Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2014		2015		2016		2017		2018	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	35	2%	47	3,6%	67	4,3%	51	3%	69	4,5%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	3	0,2%	22	1,7%	15	1%	39	2,3%	38	2,5%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	455	25,8%	244	18,7%	223	14,4%	269	15,8%	467	30,6%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	28	2,2%	16	1%	4	0,3%	15	1%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	3	0,2%	3	0,2%	1	0,1%	2	0,1%	1	0,1%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	1	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	13	0,7%	11	0,8%	18	1,2%	12	0,7%	11	0,7%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	2	0,1%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	379	21,5%	587	45%	555	35,9%	545	32%	489	32%
Diversi raġunijiet f'daqqa	871	49,4%	362	27,8%	648	42%	780	45,8%	436	28,6%

14. Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (applikazzjonijiet konfermatorji)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2014		2015		2016		2017		2018	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	1	0,4%	2	3%	0	0%	1	1,2%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0%	0	0%	0	0%	4	4,8%	3	21,5%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	35	14,6%	23	34,9%	8	7,7%	2	2,4%	3	21,4%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	0	0%	1	1%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	0	0%	0	0%	1	1%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	3	1,2%	0	0%	1	1%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	0	0%	0	0%	2	1,9%	5	5,9%	3	21,4%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	201	83,8%	41	62%	90	87,4%	72	85,7%	5	35,7%

15. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2014		2015		2016		2017		2018	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	35	4,6%	33	3%	36	7,2%	71	10,5%	46	11,1%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	2	0,3%	5	0,4%	0	0%	2	0,3%	5	1,2%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	184	24%	105	9,6%	108	21,5	44	6,5%	83	20,1%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	2	0,2%	1	0,2%	3	0,4%	0	0%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	64	8,3%	317	29%	106	21,2%	114	16,8%	67	16,2%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	2	0,3%	0	0%	2	0,4%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	57	7,4%	22	2%	20	4%	17	2,5%	13	3,2%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	2	0,4%	1	0,1%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	180	23,5%	295	27%	85	17%	326	48,1%	117	28,3%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	242	31,6%	315	29%	141	28,1%	100	14,8%	82	19,9%

16. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju konfermatorju)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2014		2015		2016		2017		2018	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	0	0%	1	2%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	95	72%	12	31,6%	1	1,8%	2	7,7%	0	0%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0%	0	0%	6	10,9%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	2	1,5%	1	2,6%	25	45,5%	1	3,9%	1	11,1%
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprjetà intellettuali	1	0,7%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċedimenti tal-qorti u tal-parir legali	0	0%	0	0%	0	0%	1	3,8%	0	0%
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%	0	0%
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	3	2,3%	0	0%	0	0%	3	11,5%	2	22,2%
Diversi raġunijiet flimkien jew raġunijiet oħra	31	23,5%	24	63,2%	23	41,8%	19	73,1%	6	66,7%

17. Numru ta' dokumenti (fil-verżjoni lingwistika oriġinali) imsemmija fir-reġistru pubbliku sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja (u numru ta' dokumenti pubbliċi)

2014		2015		2016		2017		2018	
297 657	202 689 (68%)	331 710	230 720 (70%)	354 381	246 901 (70%)	377 610	264 730 (70%)	399 949	281 412 (70%)

18. Numru ta' dokumenti (verżjoni lingwistika oriġinali) miżjuda fir-reġistru pubbliku fl-2018

	Pubbliċi maċ- ċirkolazzjoni	LIMITE	LIMITE magħmula pubbliċi fuq talba	Parzjalment disponibbli
Leġislattivi	2 765	2 332	1 178	156
Mhux leġislattivi	12 550	6 797	1 561	298

19. Numru medju ta' jiem ta' xogħol biex tingħata tweġiba għal talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u għal applikazzjoni konfermatorja

	2014	2015	2016	2017	2018
Għall-applikazzjonijiet inizjali ⁹	17 (2 445 talba)	16 (2 784 talba)	16 (2 342 talba)	16 (2 597 talba)	17 (2 474 talba)
Għall-applikazzjonijiet konfermatorji ¹⁰	27 (40 applikazzjoni konf.)	29 (24 applikazzjoni konf.)	55 (24 applikazzjoni konf.)	40 (31 applikazzjoni konf.)	36 (29 applikazzjoni konf.)
Medja ponderata (inizjali + konfermatorja)	17,16	16,11	16,4	16,25	17,22

⁹ Dawn iċ-ċifri jinkludu kemm l-applikazzjonijiet inizjali mibgħuta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u l-hekk imsejħa "applikazzjonijiet 6(3)".

¹⁰ L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Infurmazzjoni u mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2). It-tweġibiet lill-applikanti jiġu adottati mill-Kunsill.

20. Numru ta' applikazzjonijiet bi skadenza estiża - Art 7(3) u 8(2)

	2014	2015	2016	2017	2018
Applikazzjonijiet inizjali	589 minn 2 445, 24,1%	671 minn 2 784 24,1%	573 minn 2 342 24,5%	744 minn 2 597 28,6%	892 minn 2 474 36,1%
Applikazzjonijiet konfermatorji	39 (minn 40)	22 (minn 24)	23 (minn 24)	31 (minn 31)	26 ¹¹ (minn 29)

¹¹ Ġew irtirati tliet applikazzjonijiet konfermatorji.